**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 t' Ottubru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Darryl Farr)**
**(Spettur Nico Zarb)**

**vs**

**Charlotte Jade Meynckens**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charlotte Jade Meynckens, imwielda fil-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) ġewwa Franza, bint Sebastien u Valerie née Offe, residenti ġewwa 8, Ocean Drive Terrace, Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar u/jew 13, Rue Claude Chappe 62300, Lens, Franza, u detentriċi tan-numru tal-karta tal-identita Franċiż V070TD679.

Akkuzata talli nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta nieqes kwart ta' waranofsinhar (14:45hrs) u t-tlieta u nofs ta' waranofsinhar (15:30hrs) minn ġewwa Triq ix-Xatt, Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ fl-ammont totali ta' tliet mija u erbatax-il Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€314.95) għad-dannu ta' Silvio Carabott u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dana bi ksur tal-Artikoli 267 u 279 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, tħaddem kontra l-imputata id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 23 u 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2024 l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha hija ta' tlett (3) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed sabiex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u hi wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija

mill-Qorti jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha.

9. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u irregistrat ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk hija ma hlietx ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

10. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-oggetti misruqa kellhom valur ta' tlett mija u erbatax-il Euro u hamsa u disghin centezmu (€314.95) u li dawn l-oggetti derubati gew ritornati lill-vittma qabel bdew dawn il-proceduri kriminali. Ghaldaqstant, hemm lok li l-piena titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali.

11. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputata hija ta' nazzjonalita Franciza u qieghda hawn Malta tistudja, u ma jirrizultax li ghandha kundanni fuq il-fedina penali taghha la Malta u lanqas barra minn Malta.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 337(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**